MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 821/2001/1

**Joseph u Victor Aquilina ghan-nom ta’ l-azienda kummercjali Tokyo Japan Engine Dealer**

**vs**

**Charles Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta’ April 2003 t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal

Ra l-avviz li fih is-socjeta attrici talbet il-hlas ta’ Lm379.26 (tlett mija u disgha u sebghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmi) rapprezentanti l-prezz ta’ magna ta’ vettura mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ecepixxa “res judicata” fejn esebixxa kopji tas-sentenzi moghtija mill-Qorti per Magistrat Dr. Dennis Montebello.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-eccezzjoni tal-konvenut giet michuda b’sentenza in parti datat 18 ta’ Frar 2002.

Ra li l-konvenut ipprezenta eccezzjoni ulterjuri fejn eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(b).

Ra l-kawza tibqa’ differita ghas-sentenza bil-fakolta tal-partijiet li jressqu provi dokumentarji sal-15 ta’ Jannar 2003.

Ra li l-konvenut ipprezenta invoice in kwistjoni datat 4 ta’ Marzu 1999.

Ra noti ta’ osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

Illi skond il-konvenut l-azzjoni giet preskritta b’traskors ta’ 18 il-xahar mill-gurnata tal-bejgh.

Illi l-bejgh sar f’Marzu 1999. Illi ghaddew 18 il-xahar fl-4 ta’Novembru 2000. Illi l-kawza Avviz. 820/99DM giet ipprezentata fil-1999 u ghalhekk hemm interuzzjoni tal-preskrizzjoni. Din il-kawza giet ipprezentata fis-27 ta’ Awissu 2001 u cioe entro t-terminu.

Il-konvenut jissotometti li billi hu kien liberat mill-osservanza tal-gudizju fil-kawza 820/99DM ghandu japplika l-artikolu 2132 tal-Kodici Civili.

It-Tribunal jisstometti li l-kawza 820/99DM ma kienetx dezerta, rinunzjata jew michuda. Kien hemm liberazzjoni. Ghalhekk l-artiklou 2132 ma japplikax.

Illi inoltre jirrizulta li fil-kawza 820/99DM il-konvenut kien ghamel kontro-talba. Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghal kawza V. Petroni Limited vs Roger Camilleri deciza mill-

Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) datat 13 ta’ Jannar 1999 fejn intqal li “l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni tikkostitwixxi rinunzja tacita ghall-istess preskrizzjoni. Il-preskrizzjoni hi inkompattibli ma’ l-eccezzjoni tal-kompensazzjoni. Xejn ma jiswa li l-kompensazzjoni tigi opposta in subordine u bla pregudizzju ghal preskrizzjoni ghax bil-fatt tieghu stess, il-konvenut li jecepixxi l-kompensazzjoni jigi li jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li hu ma jistax isalva b’semplici riserva. Ghalhekk l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni mhix aktar ammissibbli jekk il-konvenut in segwitu ghaliha jopponi l-kompensazzjoni. Principji dawn li japplikaw hemm jekk l-oppozizzjoni tat-tfacija ssir mill-konvenut permezz ta’ eccezzjoni u a foriori jew issir b’sostenn ta’ kontro-talba …. dan ghaliex il-konvenut ikun qed jippretendi li hu kreditur ta’ l-attur f’ammont li jkun jeccedi dak li hu jsostni li ma kienx ghadu minnu dovut ghax hu preskritt”.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Billi ma hemmx eccezzjonijiet ohra u t-talba attrici hija gustfikata, jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz (15 ta’ Settembru, 2001).”

L-appell prezenti jirrigwarda t-tieni aggravju tal-konvenut riferibilment ghall-eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni brevi ta’ tmintax-il xahar ai termini ta’ l-Artikolu 2148 (b) Kodici Civili. Eccezzjoni din li giet michuda mit-Tribunal;

L-appellant jikkontendi li si tratta ta’ bejgh bl-imnut in kwantu l-magna nxtrat minnu ghall-uzu personali tieghu u ghalhekk il-bejgh ma jistax jigi konsiderat bhala wiehed bl-ingrossa. L-attur *nomine* jikkontestalu dan u jsostni invece, li t-terminu preskrittiv eccepit ma kienx ammissibbli in kwantu ghal bejgh bhal dan kienet tapplika l-preskrizzjoni kwinkwennali a sensu ta’ l-Artikolu 2156 (f) Kodici Civili. Huwa jadduci b’ argoment illi bejgh ta’ magna ta’ vettura mhix xi haga ta’ kuljum u matul hajtu wiehed jaghmel dan it-tip ta’ investiment ftit drabi biss. Ghalhekk, skond l-appellat, dan it-tip ta’ bejgh ma

ghandux jigi meqjus bhala bejgh bl-imnut izda bhala obbligazzjoni kummercjali;

Huwa indiskutibbli fuq l-istregwa tal-gurisprudenza illi l-materja in diskussjoni gja giet dibattuta bosta drabi mill-Qrati taghna;

Minn din il-gurisprudenza jidher li prezentement huwa pacifiku illi “dak li jiddetermina n-natura tal-konsenja, cjoe jekk huwiex bejgh bl-imnut jew bl-ingrossa huwa n-negozju partikolari li jkun sar u partikolarment l-ammont involut. Infatti skond il-ligi taghna kif inhi huwa possibbli li bejgh bl-imnut isir minn grossist ukoll bhal ma huwa possibbli li d-dettaljatur f’ certi cirkostanzi jbiegh bl-ingrossa” - “**Michael Fenech *nomine* -vs- Piu Camilleri**”. Appell Civili, 18 ta’ Jannar 1993;

Fi kliem iehor l-ligi taghna fl-Artikolu 2148 (b) tipprexxindi mill-kwalita` tal-persuni u thares biss lejn il-vendita partikolari in kwestjoni “*per se*”. Ara **Kollez. Vol. XXXI P II p 235** u **Vol. XLVIII P II p 959**;

Jinsab ritenut, imbaghad, illi kriterju distintiv tal-bejgh bl-ingrossa u dak bl-imnut jirrisjedi fil-kwantitattiv mibjugh, anke jekk dan jibqa’ kriterju relattiv. Ara **Kollez. Vol. XIII p 294** u **Kollez. XXI P I p 406**;

Dan l-artikolu tal-ligi taghna [Artikolu 2148 (b)] ma jsibx korrispondenza fil-ligi Taljana, li spiss drabi f’ bosta disposizzjonijiet ohra tal-Kodici Civili taghna ntuzat bhala mudell. Infatti fl-Artikolu 2955 (5) tal-Kodici Civili Taljan il-preskrizzjoni ta’ sena hemm prospettata tikkolpixxi d-dritt “*dei commercianti per il prezzo delle merci vendute a chi non ne fa commercio*”. Gie spjegat mill-Qorti Taljana tal-Kassazzjoni illi din il-preskrizzjoni hi applikabbli biss “*a quei rapporti di compravendita tra commercianti al minuto e consumatori, aventi ad oggetto cose destinate ad uso personale dell’ acquirente*” (Nru. 9494, 11 ta’ Novembru 1994). Hekk f’ dan l-istess kaz giet negata l-applikabilita`

tan-norma fil-kaz ta’ bejgh ta’ merci (fil-fattispeci*, vendita di una betoneria ad un imprenditore edile*) destinata ghall-attivita` produttiva;

Kif gja rilevat il-ligi taghna ma ssegwix dan it-test tal-ligi Taljana u fil-fatt l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili taghna ma huwiex limitat ghall-bejgh minn kummercjant lill-persuna li ma hijiex fil-kummerc izda jiddependi jekk il-bejgh sarx bl-imnut jew inkella bl-ingrossa. Ara “**Emmanuela Micallef *et proprio et nomine* -vs- Francis Mercieca**”, Appell Kummercjali, 26 ta’ Mejju 1967; “**Joseph Grech -vs- Domenico Savio sive Savio Spiteri**”, Appell, 25 ta’ Mejju 2001;

Issa apparti li fil-kaz hawn trattat il-provi huma skarsi ghall-ahhar tant li, ghajr ghall-produzzjoni ta’ fattura (fol. 34), il-kontendenti ma ressqu l-ebda provi ohra u lanqas biss xehdu, hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi, b’ applikazzjoni tal-principji suddetti, hija applikabbli fil-kaz prezenti l-preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar u mhux dik ta’ hames snin. Dan jidher li kien negozju uniku, u ta’ darba ta’ xiri ta’ magna presumibilment ghal bzonn tax-xerrej. Kienet operazzjoni semplici ta’ kompravendita ta’ magna ta’ karozza. Huwa car illi in mankanza ta’ provi aktar assodanti l-fatti f’ dan il-kaz jattaljaw aktar mal-figura guridika tal-bejgh bl-imnut milli ta’ bejgh bl-ingrossa. Din il-Qorti ma tara li hemm assolutament xejn x’ jiddistingwi l-bejgh tal-magna *de quo* minn begh ta’ kwalsiasi apparat iehor ad uzu personali. Jekk kif inghad il-magna hi dik ta’ karozza huwa prezunt li din inxtrat ad uzu gjornaljier u biex isservi l-htigijiet personali tal-konvenut. Dan il-tip ta’ bejgh ma jista’ qatt jigi konsidrat bhala wiehed bl-ingrossa, anke tenut rigward ta’ l-ammont involut;

Dan premess, jirrizulta bhala fatt illi din il-magna nxtrat fl-4 ta’ Marzu 1999 mentri l-azzjoni prezenti giet intavolata fis-27 ta’ Awissu 2001. Li jfisser allura aktar minn tmintax-il xahar prefiss bl-Artikolu 2148 (b). Ma jirrizultax, imbaghad, li dan it-terminu gie nterrott b’ xi wiehed mill-

motivi legali konoxxuti mil-ligi bl-Artikoli 2128, 2133 jew 2134 tal-Kodici Civili. Lanqas ma jista' jinghad miksur bil-fatt tal-prezentata ta' l-azzjoni precedenti bejn il-partijiet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Avviz Nru. 820/99/DM) billi kif gja rilevat f' sentenza ohra ta' din il-Qorti (10 ta' Marzu 2004) l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni b' dak l-att ma kellux jittiehed in konsiderazzjoni una volta d-domanda ma gietx riproposta mill-gdid entro il-parametri ta' l-Artikolu 2132 (2) Kodici Civili fiz-zmien xahar mill-liberazzjoni *ab observantia* tal-konvenut. Dik il-kawza u dik l-azzjoni ma setghetx allura sservi bhala mezz interruttiv;

Lanqas ma tista' din il-Qorti taccetta s-sottomissjoni tat-Tribunal illi jirravviza fil-kontro-talba f' dik l-istess procedura xi forma ta' rikonoxximent. Biex dan ikun hekk il-kaz kellu logikament jirrizulta minn valutazzjoni xierqa tal-meritu u determinata minn imgieba ghal kollox imkompatibbli mal-volonta` li wiehed jopponi l-kawza estintiva tad-dritt ta' l-attur kreditur. Fil-hsieb tal-Qorti l-fatt li wiehed iressaq azzjoni ghad-danni ma kellux necessarjament u bilfors jikkonfigura bhala xi rikonjizzjoni tad-debitu jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. La l-kontradittorju fil-meritu u lanqas id-dritt li wiehed jippromwovi azzjoni appozita ma ghandu unikament ghal daqshekk jekwivali ghal xi rinunzja mplicita` ghall-preskrizzjoni. Dippju, anke kieku *gratia argomenti* kellu jinghad li dik il-kontrotalba kellha tigi nterpretata bhala xi rikonoxximent jew rinunzja hu daqstant iehor dottrinalment accettat illi wara tali rikonoxximent jew rinunzja tista' terga' tibda preskrizzjoni gdida (**Kollez. Vol. XLIII P II p 744**). F' dan il-kaz il-kontrotalba fil-kawza l-ohra li giet ukoll ezaminata, giet prezentata fil-5 ta' Lulju 1999 mentri, kif manifest, l-azzjoni odjerna tressqet fis-27 ta' Awissu 2001, u ghalhekk in eccess ta' tmintax-il xahar;

Ferma din il-konkluzjoni u gjaladarba l-attur appellat naqas li jagixxi ghat-tutela tad-dritt tieghu kif irid l-Artikolu 2137 Kodici Civili, u gjaladarba wkoll ma kien hemm l-ebda ostakoli legali li impedew lill-appellat biex jagixxi fit-

termini preskritt, hu l-kaz li l-appell bazat fuq l-aggravju hawn ezaminat jimmerita akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata. Tiddeciedi minflok l-azzjoni attrici preskritta fit-termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili u konsegwentement tichad it-talba attrici. L-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu sopportati mill-attur *nomine* appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------